MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 754/2002

**Kevin Davison.**

**vs.**

**Michelle Dougall legalment separata minn Kevin Davison.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata l-1 ta' Lulju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fit-2 ta' Jannar 1995, hekk kif jidher mill-estratt tal-Att taz-Zwieg numru 5/1995, hawn anness u mmarkat bhala Dok. "KD1";

Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti ma kellhom ebda tfal;

Illi l-kontendenti huma separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt notarili datat 27 ta’ Frar 2001;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett tal-Ligi;

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta l-ghaliex dina l-Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmja li:

1. Tiddikjara li miz-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fit-2 ta’ Jannar 1995 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 1 ta' Novembru 2002, fejn eccipit bir-rispett:-

1. Illi l-eccepjenti ma toggezzjonax ghat-talba tal-attur sabiex jigi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-2 ta' Jannar 1995 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-konvenuta a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 50 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attur datata 21 ta' Frar 2003, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u kopja tal-kuntartt ta' separazzjoni.

Rat in-nota tal-attur datata 2 ta' April 2003, li permezz taghha esebixxa zewg affidavits, wiehed ta' Josephine Davison u l-iehor ta' Publius Davison.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 4 ta' April, 2003, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha u dak ta' missierha Ralph Dougall u ta' ommha Jane Dougall.

Rat in-nota tal-attur datata 8 ta' April 2003, li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' ohtu Claire Davison.

Rat il-verbal datat 29 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-7 ta' Jannar, 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar, 2004.

Rat ir-rikors datat 31 ta' Dicembru 2004 ta' Kevin Davison, fejn talab bil-qima illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha testendilu t-terminu ghall-prezentata tan-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu u tawtorizzah jipprezenta n-Nota ta' Osservazzjoni hawn annessa u dan ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq timponi.

Rat id-digriet tas-6 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti estendit it-terminu b'ghaxar t'ijiem.

Rat li l-attur baqa' ma pprezentax formalment l-istess nota ta' osservazzjonijiet fit-terminu hekk imgedded.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi fl-affidavit tieghu datat 21 ta' Frar 2003 l-**attur Kevin Davison** jghid:-

*"Illi nibda biex nikkonferma d-dikjarazzjoni tieghi annessa mac-citazzjoni;*

*Illi nghid illi jiena iltqajt l-ewwel darba ma' Michelle f'April-Mejju 1991 meta jien kien ghad kelli biss 17-il sena u hi kienet ghada kemm ghalqet is-16-il sena. Bdejna niffrekwentaw lil xulxin u l-hbiberija bdiet tizdied u bdejna niltaqghu b'mod regolari. Il-hbiberija kienet donna qed tittrasforma ruhha malajr f'xi haga aktar minn hbieb pero' xejn sejru;*

*Illi wara tlett xhur li konna qed nohorgu flimkien jiena xtaqt ninvitaha tigi d-dar taghna peress li ommi kienet ser taghmel BBQ ghall-Festa ta' Hal-Lija. Ommi ma tantx hadet gost li kont ser ninvita lil Michelle ghax ratu daqsxejn kmieni pero' jien ridt li l-genituri tieghi jkunu jafu lit-tfalja li kont qed nohrog maghha biex forsi nkun nista' ndum aktar barra. Huwn nixtieq nispjega illi jiena kelli hafna restrizzjonijiet dwar hin ta' hrug, ez. Meta nohrog kelli nkun id-dar fl-10.00pm mentri Michelle ma kellhiex limitu u din kienet daqsxejn tal-misthija. Jiena ppjanajt li ladarba ommi jkunu jafu lit-tfajla forsi kienu jkunu jafu ahjar ma min qed inkun u jhalluni ndum barra aktar. Fil-fatt b'dan il-metodu kont akkwistajt nofs siegha aktar barra kif ser nispjega;*

*Illi l-genituri tieghi accettaw li nistedinha ghall-BBQ pero' qaluli li jkun ahjar li niltaqghu l-genturi tieghi jinvitawha ghall-BBQ. Il-festa waslet u ltqajna u minghajr ma jien kont naf, hija gabet ukoll il-genituri taghha maghha. Jien iltaqjt maghhom u ltqajna mal-genituri tieghi. Meta ommi raw li Michelle kienet mal-genituri taghha huma invitaw ukoll lilhom id-dar. Dan kien proprju dak li jien ma ridtx jigri. Jien xtaqt li tigi Michelle d-dar pero' ma ridtx il-genituri taghha ghax ma ridtx serjeta'. Jiena l-iskop tieghi li nghid lil Michelle tigi d-dar kien biex forsi ommi jsiru jafuha aktar u forsi jiehdu grazzja maghha u b'hekk niggwadanja aktar hin barra. Dak kien l-uniku skop tieghi mhux li nsir xi 'gharus'. Minn din il-laqgha rnexxrieli niggwadanja nofs siegha aktar barra u flok kelli nirrincasa fl-10.00 tawni sal-10.30;*

*Illi dakinhar li gew il-genituri taghha kollox mar sew. Pero' dik il-laqgha ma kienet tfisser xejn ghalija. Jien ma kont irrid ebda serjeta'. Kont nohrog ma Michelle pero xejn aktar. Ma ridtx iribt u lanqas hi;*

*Illi gara li lanqas xahar wara l-festa, Michelle bdiet tisfurzani biex immur jien ghandhom. Jien dan ma ridtux ghax kont naf li mhux dak irrid. Ippruvjat nirrezisti billi nivvinta skuzi. Pero' wahda wara l-ohra l-iskuzi spiccawli u fl-ahhar kelli mmur. F'kemm ili nghidlek spiccjat immur ghaliha kuljum id-dar, niekol kull nhar ta' Hadd ghandha.*

*Kont dhalt f'relazzjoni ta' certa rabta minghajr ma jien ridtha;*

*Illi nispjega li r-raguni li wasslitni li naccetta li mmur ghandhom ma kinitx dik li jien ridt inkompli nissoda r-relazzjoni anzi jien dak li ma ridtx, pero' kelli mmur ghand omm Michelle ghaliex wara li raw li ma mortx bdew icemplu lill-genituri tieghi wahda f'wahda, jghidulhom halli mmur u l-genituri tieghi bdew jiddejqu. Meta rajt hekk kelli nibda mmur;*

*Illi niftakar li darba minnhom missieri beda kwazi jibkili biex nitlaqgha ghax bdew jiddejqu li kull darba li ma mmurx incemplulhom biex jaraw ghala ma mortx. Bdejt inhossni ssikkat. Missieri tant kien xeba' minn din is-sitwazzjoni li wasal biex jgheddidni li jekk ma kontx ser nitlaqgha huwa kien ser iraqqadni barra. Ma tlaqthiex u hekk ghamel ma dahhalnix;*

*Illi sadanittant missierha kien dejjem jghidli li ried li issa kien imiss li mmur jien mal-genituri tieghi ghandhom. Dan kollu gara f'temp ta' 6 xhur biss. Missierha stieden lili u lill-genituri tieghi sabiex fil-Milied li kien gej (ahna bdejna nohorgu flimkien Mejju '91) ossia Dicembru '91 immoru ghandhom. U hekk gara;*

*Illi pero' l-problemi ma waqfux hemm. Jien u missierha konna qiesna kelb u qattus: ma naqblu f'xejn u l'hin kollu gwerra. Missier Michelle hu t-tip li jippretendi u jgieghlek taghmel l-affarijiet kif jghid hu anke' jekk ma tkunx trid; jien bdejt nixba pero' Michelle kienet toghgobni bhala tfajla u ma ridtx nispicca minn maghha ghal daqshekk. Allura bdejt ma naghtix kaz;*

*Illi dak iz-zmien jien kont bdejt nahdem bix-xift u spiccajna nikkomunikaw hafna drabi bit-telefon. It-telefonati taghna pero' ma kinux privati ghax il-genituri taghha kienu joqghodu jissemmghu l-hin kollu. Mhux hekk biss talli kulma jisimghu kienu jcemplu l-genituri tieghi u 'jugzawna' meta nghidu xi haga li ma ddoqqx ghal widnejhom. Fil-fatt darba minnhom il-genituri ta' Michelle semawna nghidu li kien ikun tajjeb li ma jkonniex tfal jekk nigu biex nizzewgu*

*ghax dawn jirrikjedu hafna hin u hafna flus. Da parti tieghi jien ma kontx ridt tfal pero' dak iz-zmien ma kontx naf jekk hux ghal dejjem jew biss ghal ftit pero' li hu cert hu li Michelle ma riedet ikollha tfal qatt u fil-fatt ghamlitha kundizzjoni cara li hi kienet ser tizzewweg bl-intenzjoni li ma jkollha qatt tfal. Il-genituri taghha meta semghu hekk iggennu, ghax indunaw li dak ma kienx zwieg. Cemplu lill-genituri tieghi biex jghidulhom ahna x'konna qed niftehmu u sejhu laqgha bejnietna u l-genituri rispettivi. Ahna ma konna nafu b'xejn. Dan kollu sar minn wara darna. Niftakar li gara kien li ahna konna barra u jien u sejjer id-dar nara l-karozza ta' missier Michelle pparkjata quddiem id-dar taghna. Dhalna u f'kemm ili nghidlek ghamlulna interrogatorju shih dwar il-kwistjoni tat-tfal u talbuna spjegazzjoni. Kieku ghidtilhom li Michelle ma ridetx tfal, kienu jinkwetaw u ma jhallunix inkompli nohrog maghha u jien lil Michelle kont sirt attratt lejha f'dak iz-zmien, ghalhekk, gdibna u ghidnilhom li dak li ridna nfissru kien li ma konniex irridu tfal ghall-bidu minhabba l-ispejjez li kellna tad-dar. Il-ftehim bejni u Michelle pero' kien mod iehor fis-sens li ma jkollna tfal qatt;*

*Illi wara dan l-interrogatorju jien u Michelle iddecidejna li l-ahjar triq kienet li nizzewgu biex nehilsu mill-problemi. Ghax li beda jigri kien li bdew jizdiedu l-mistoqsijiet, jizdied l-indhil, pariri u priedki u bdejna nixbghu. Ghalhekk iddecidejna li l-ahjar triq kienet li nizzewgu biex naharbu minn dan l-indhil. L-arrangament dwar it-tfal bejni u bejn Michelle kien baqa' l-istess u cioe' li ma kellux ikollna tfal. L-aktar li kienet tinsisti dwar dan pero', ikolli nammentti, kienet Michelle, ghax kienet tghid it-tqala tirrovinalaha l-figure, ixxejjaha u affarijiet simili. Jien dwar li ma jkonniex tfal kont aktar qiesni nsegwi l-kelma taghha milli ridt hekk fil-verita';*

*Illi fi ftit kliem ta' biss 21 sena jien u Michelle ta' 18-il sena iffissajna d-data ta' dak li kellu jissejjah 'tieg'. Id-data kellha tkun 2/1/1995;*

*Illi nel frattemp sibna dar li kienet ghall-bejgh u dhalna ghaliha pero' nqalghet problema dwar il-flus. Fil-bank jien kelli Lm 7,000 u hi kellha Lm 1,500. Missierha nsista li d-*

*dar tinxtara nofs bin-nofs avolja jien kont ser nohrog aktar flus. Jiena ma rajtiex gusta izda hu ma riedx icedi bl-ebda mod. Jien ma kellix triq ohra hlief li naccetta biex niffranka t-tgergir u l-hars bl-ikrah. Li nista' nghid hu li kieku l-affarijiet kienu bil-kontra missierha kien jirraguna mod iehor;*

*Illi minn dak inhar li ffissajna d-data tat-tieg ir-relazzjoni taghna birdet ferm u ma tantx konna niltaqghu, fil-fatt bejn ix-xoghol tieghi, u xoghol go dik li kellha tkun id-dar taghna spiccjat ma bdejna niltaqghu qatt. Id-data tat-tieg kienet riesqa sew u l-hsibijiet kollha taghna kienu assorbiti mill-preparattivi materjali tat-tieg u hadd minna ma beda jinduna ezatt ghal x'hiex konna dehlin. L-affarijiet tant graw malajr li lanqas cans nahsbu ma kellna fuq dak li konna ser naghmlu u lanqas cans nippjanaw xejn ma kellna dwar is-suppost hajja mizzewga taghna";*

*Illi l-preparattivi materjali tat-tieg kont qed nikkordinhom kwazi kollha jien u Michelle ma tghati kas ta' xejn. Bdejt inhoss li Michelle kienet saret aktar qiesha binti jew ohti milli l-partner tieghi fis-sens ta' l-mara li kont ser nizewweg. Ma kontx inhossha li ser issir marti ghax naraha qiesha ohti. Hi m'ghamlet xejn u dejjem tfarfar fuqi. Lanqas fil-fatt ma kienet kapaci tikkontrolla l-paga taghha, u kienet taghtiha lili biex inqassamha jien. Kont gja ddejjaqt ghax hassejtni wahdi u qiesni qed inrabbi tifla. Pero' kollox baqa' miexi. Meta tkun fihom dawn l-affarijiet ma tibdiex tarahom, pero' llum nirrejalizza li ahna ma kien missna qatt izzewwigna taht dawk ic-cirkostanzi li konna fihom ghax kien jidher car li ahna ma konniex ippreparati ghaz-zwieg;*

*Illi t-tieg wasal minghajr ma konna ppreparajna lilna nfusna ghalih la spiritwalment u lanqas mentalment. Peress li bejn meta ddecidejna w d-data tat-tieg ma kienx hemm hafna zmien, id-dar taghna kienet kwazi vojta. Ahna riedna nizzewgu malajr biex nevitaw il-problemi li kienu nqlaghu mal-genituri minhabba l-kwistjoni tat-tfal;*

*Illi peress li d-dar kienet vojta n-nanna tieghi offrietilna li noqghodu gewwa appartament taghha f'Bugibba. Stajna*

*noqghodu fih sas-sajf. Wara hames xhur mora noqghodu gewwa d-dar taghna f'B'Kara;*

*Illi l-ewwel ftit kien jidher li kollox sew sakemm ma gejtx imieghel nitlaq mill-kumpanija li t-tnejn li ahna konna nahdmu maghha. Il-kumpanija kienet serja hazin u hassejt li kien ikun ahjar li nfittex xoghol iehor;*

*Illi jien kelli ghall-qalbi l-computers u rnexxieli nibni karriera ta' design u sibt xoghol ma kumpanija u tpoggejt in charge minn departiment. Il-mara kienet ghadha tahdem De La Rue;*

*Illi bdejt insir naf minn nies li kont naf De La Rue li Michelle bdiet tifflirtja ma' kull ragel li kien hemm u bdiet tghati certa kunfidenza zejda lill-irgiel minn mindu jien ma bqajtx nahdem aktar hemm. Dan kien qed jigri fil-bidu nett tal-hajja taghna flimkien u ma kienx sinjal tajjeb. Barra minn hekk sirt naf ukoll li Michelle bdiet tiehu lifts lura d-dar minn certa barrani li kien manager tieghi meta jien kont nahdem hemm;*

*Illi z-zmien beda ghaddej u f'kemm ili nghidlek ghaddew sentejn. Issetiljana fid-dar, pero' jien bdejt inhossni dejjem aktar wahdi u kont qiesni qed nibdel il-fehma fuq it-tfal. Kont bdejt nixtieq li jkollna tfal avolja fil-bidu qabel it-tieg ahna konna fethmna li ma jkollniex tfal;*

*Illi darba minnhom ghidtilha li jien kont qed nibdel il-fehma izda hi xejn. Meta ghidtilha biex nipprovaw ikollna tfal hi assolutament ma riditx taf. F'dak il-punt tant kemm kont xbajt bdejt nahseb li l-problema kienet Malta u mort l-ambaxxata Amerikana nistaqsi x'kellna naghmlu biex insiefru lejn l-Amerika bhala emigranti. Kont kellimt lil Michelle dwar l-Amerika u ma kinitx opponiet. U konna applikajna;*

*Illi nelfrattemp Michelle bdiet tara li jien kont sejjer tajjeb hafna fuq ix-xoghol u bdiet tghir ghalija. Peress li jien ma bqajtx nahdem gewwa fabbrika hi bdiet thossa inqas minni u ghamelt minn kollox biex ma tibqax tahdem hemm u li tmur tahdem go ufficcju wkoll. Ghamlet sena shiha*

*tapplika l'hemm u l'hawn sakemm fl-ahhar sabet xoghol fl-Ufficcju tal-Prim Ministru;*

*Illi sadanittant konna ircevejna mill-Amerika u li Michelle kienet giet maghzula minn miljuni ta' applikanti biex temigra gewwa l-Amerika u jkolla 'full green card access'. Jiena ovvjament stajt immur maghha;*

*Illi Michelle kienet it-tip li trid taghmel kollox u ma tafx xi trid, qatt m'hi deciza. Daqqa riedet tistudja, daqqa riedet taghmel aerobics, ghawm, courses tal-fitness, ezamijiet, part-time jobs etc. Jien kont dejjem inkun wahdi d-dar u hi granet shah barra. It-tisjir, tindif, mghodija u affarijiet simili kont nghamilhom kollha jien u hi barra, tiehu l-kafejiet u tiekol lunches barra. Riedet ukoll taghmel modelling u photo session u qaltli biex immur maghha. Jiena staghgibt meta rajtha tinza l-parti ta' fuq u tghatti sidirha b'idejha biss u dan johdilha r-ritratti. Jiena rrabjajt hafna u ahna u sejrin id-dar tlabtha spjegazzjoni izda hi kulma rrispondietni kien ma nndahalx peress li din kienet hajjitha u li hi taghmel li trid. Din kienet it-tipika risposta ta' Michelle;*

*Illi sadanittant bil-job gdid li kellha bdiet issir aktar imbeghda minni. Intimita' bejnietna spiccat ghal kollox. Bdiet tiltaqgha ma' nies importanti bhal Ministri u segretarji ta' Ministri u kienet dejjem tigi d-dar tiftahar kemm dawn in-nies kienu jghaddulha kumplimenti, ovvjament biex jien nghir ghaliha. Kienu jikkumplimentawha ghax kienet taghtihom ghaliex, tmur liebsa qasir, tifflirtja maghhom u jien ma bdejt niehu gost xejn. Sirt naf ukoll li kienet il-hin kollu tkun f'kumpanija ta' irgiel ohra tiehu kafejiet u tiekol barra fir-restoranti. U tigi d-dar bla guh u bla hin ghad-dar. Jien kont spiccajt tabilhaqq wahdi. Niekol wahdi, insajjar wahdi u nahsel, nghaddi u nahdem u hi lanqas tidher b'nemes;*

*Illi fix-xoghol il-gdid li kellha, kellha wkoll internet u tghallmet tuza c-chat u kienet tigi d-dar tiftahar kemm saret taf nies minn fuq ic-chat line;*

*Illi dan iz-zmien konna hbieb ma koppja cinizi li kellhom restaurant ftit l'isfel minn fejn kienet tahdem Michelle. Kwazi kull nhar ta' hadd konna nkunu nvitati ghall-ikel f'dan ir-restaurant. Peress li ma kellniex computer id-dar, Michelle kienet tghidli biex niltaqghu direttament ir-restaurant sabiex ahna u sejrin, hi tghaddi sa l-ufficcju tipprepara xi xoghol. Jiena nissuspetta li hi kienet tmur ticcekja l-E-mail li tkun irceviet. Fil-fatt f'dan iz-zmien konna qed nircievu hafna telefonati anonimi d-dar anke' bil-lejl. Drabi ohra cemplula anke' rgiel barranin id-dar u hi kienet taghmel sieghat tpacpac maghhom;*

*Illi meta rajt din is-sitwazzjoni jien qtajt qalbi li xi darba vera jkolli familja u rrejalizzajt li ahna ma konna mizzewgin xejn. Ma kellna ebda forma ta' relazzjoni ahseb u ara kemm kellna rabta li suppost iddum ghal dejjem. Ghaliha d-dar kienet 'abandon ship' u kienet dejjem barra. Tasal lura d-dar kuljum f'xi l-11.00 p.m. Saret aktar 'cold' mieghi u r-relazzjoni intima taghna kienet spiccat ghal kollox;*

*Illi jiena kont iddecidejt li nghati l-ahhar cans biex forsi nirrangaw is-sitwazzjoni. Komplejt infexxejt nirranga d-dar. Ghamilna fireplace, madum u internal staircase. Hadt gimghatejn leave mix-xoghol biex noqghod mal-haddiema u Michelle lanqas kas. Kienet tigi lura mix-xoghol u lanqas tindejnja ruhha thares lejn ix-xoghol. Kont nistaqsiha jekk hux qed joghgobha u kulma kont niehu huwa risposta fjakka bhal 'sabih, tajjeb' minghajr lanqas biss tkun harset;*

*Illi Michelle kienet deciza li ma jkollhiex tfal qatt. Jiena kont tkellimt maghha u ghidtilha li kont qaghad nahseb fuq dak li konna ftehmna qabel iz-zwieg u cioe' li ma jkollniex tfal u li kont biddilt il-hsieb u li issa xtaqt ikollna tfal biex forsi nipprovaw ninghaqdu, pero' hi ma ridetx taf qaltli li ma riedet ikollha tfal qatt ghax tirrovina l-figure u issa kienet qabdet sew il-fitness, li hi kienet mara ta' karriera u li allura ma jkollhiex hin ghat-tfal, u li hi kienet interessata biss fil-karriera u li tirnexxi fix-xoghol u ma kellhiex mohhha li tibni familja. Dawn l-affarijiet kollha li ghadni kemm semmejt qalithom anke' lill-membri ohra tal-familja*

*fosthom il-genituri, huti u anke' zijiet li ser jikkonfermaw dan kollu permezz ta' affidavit;*

*Illi sa dan iz-zmien konna rcevejna l-konferma mill-Ambaxxata Amerikana li konna gejna accettati biex nemigraw it-tnejn lejn l-Amerika u li biex l-applikazzjoni tibqa' valida kellna nitilqghu fi zmien 6 xhur inkella nitlifu kollox. Iddecidejna li mmorru. Tfajna d-dar ghall-bejgh u jien bdejt niehu hsieb kollox. Sadanittant hi bdiet iggib ruhha qiesa barranijja u kienet saret iffissata fuq it-taljani. Tara TV taljan, iddoqq muzika taljana w barra minn hekk in-nies li kienu impjegawha fic-Cinese Restaurant qaluli li kienet qed tircievi telefonati minn barra u kienet titkellem bit-taljan waqt dawn it-telefonati;*

*Illi darba minnhom giet fuqi u qaltli li riedet tmur holiday l-Italja ma' kollega taghha. Jiena ghidtilha li din ma kenitx f'loka kemm ghax jien ma rajthiex haga u kif ukoll ghax konna ser nemigraw u konna ghadna ma beghniex id-dar u kullma kellna l-bank kienu Lm900. Ir-risposta taghha kienet li hi ghandha nofs dawk il-flus u li ma jimpurtahiex ghax kienet serja xorta u hekk ghamlet. Il-kollega taghha li kienet serja maghha ikkancellat fl-ahhar gimghatejn pero' Michelle riedet tmur xorta wahda u telqghet wahedha. Telqghet minghajr ma qaltli fejn kienet ser toqghod u ma min ser tkun, qaltli biss li se ddum gimgha u xejn aktar. Telqet u lanqas biss indejjat ruhha ccempel minn hemm. Wara gimgha irritornat;*

*Illi, fl-ahhar jien irnexxieli nsib xerrejja ghad-dar u ghamilna appuntament ghall-konvenju. Kelli kollox ippjanat. Konna sibna prezz tajjeb ghad-dar u kont ippreparajt kollox mal-bank biex nemigraw;*

*Illi, tlett gimghat wara li giet mill-holiday taghha l-Italja, Michelle qaltli li riedet terga' tmur Ruma. Jiena ma hadtx gost u urejtha li ma kenitx ser taghmel sew. Pero' dak iz-zmien Michelle kienet kompletament bla kontroll u taghmel dak li jfettliha u kien inutli li noqghod inhambaq ghax kollox ghal xejn. Dahhlitha f'rasha li trid tmur Ruma u marret wahedha ghat-tieni darba f'temp ta' gimghatejn. Telqghet u regghet ma cemplitx. Din id-darba ma gietx*

*lura meta kellha tigi. Irritornat jumejn tard milli suppost. L-iskuza li gabet meta staqsejha kienet li tilfet l-ajruplan. Meta staqsejtha fejn raqdet qaltli li ghamlet hbieb ma tfalja go l-airport u raqdet id-dar taghha;*

*Illi wasal id-data tal-kuntratt tal-biegh tad-dar u kollox mar sew. Hadna l-flus u konna lesti biex nemigraw. Sadanittant morna nghixu l-ahhar ftit jiem ghand ommi sakemm insiefru. Kien hawnhekk li Michelle qaltli l-verita' kollha u xxokkjatni. Michelle qaltli li riedet nofs ir-rikavat mill-prezz tal-biegh ghall-kont taghha u li hi kinitx mara responsabbli u tajba ghall-familja, u li hi mhu ser tkun trid tfal qatt u li kien ikun ahjar kieku nieqfu hemm u riedet bhal twaqqaf iz-zwieg. Jien bqajt bla kliem u ghalkemm issospettajt li Michelle kienet qed tghix hajja ohra qatt ma hsibta gejja hekk fuqi u ttamajt li ladarba mmoru l-Amerka konna ser nerghu navvicinaw lejn xulxin. Mhux talli ma konniex ser ninghaqdu talli Michelle riedet tispicca kollox. Jien kellimt avukat u ma kellix triq ohra hlief li ninfired, qsamna l-flus, jiena hdat id-differenza li kont hrigt aktar qabel iz-zwieg u hi accettat. Morna ghand nutar biex nikkonfermaw il-qasma u tiffirma xi karti dwar is-shares li kellna;*

*Illi, wara dan qaltli li hi kellha xoghol l-Italja u li riedet tistabbilixxi ruhha hemm. Hi qaltli li kienet ser tigi l-Amerka biss ghall-gimghatejn u titlaq, u kienet ser tigi biss biex jien inkun nista' mmur peress li jien stajt immur l-Amerka maghha biss ghax l-applikazzjoni li konna tfajna kienet ghaddiet taghha u ghalhekk kien se jkolli l-green card tramite l-applikazzjoni taghha. Kliemha kien li issa fl-ahhar kienet ser taghmel xi haga ghaliha biex tpattili ta' kemm kont ghamilt jien ghaliha qabel. Hi qaltli li kienet ser tigi l-Amerka mieghi biex jien inkun nista' mmur li dan il-gest kien ir-ringrazzjament taghha ta' kemm ghamilt maghha. Ippakjajna bhal zewg estraneji u tlaqna;*

*Illi matul il-gimghatejn kemm kienet ser iddum hemm irceviet telefonati l-hin kollu fuq il-mobile minn nies taljani. U dejjem tkellmet maghhom fil-privat. Meta ghaddew il-gimghatjen qaltli li kien sarilha z-zmien li titlaq u bierda telqet – bhallikieku bejnietna qatt ma kien ezista xejn.*

*Dak li qatt ma beda kien issa verament spicca. Minn dakinhar ma rajthiex aktar hlief sussegwentement meta iffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni. Kien difficli wisq nghix l-Amerka wahdi. U ghalhekk wara ftit iddecidejt li nirritorna lura Malta u nerga' nibda hajti;*

*Illi kif wasalt Malta ipprocedejt mill-ewwel ghas-separazzjoni personali li giet fis-27 ta' Frar 2001 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-27/02/2001 (kopja annessa Dok. "KD1");*

*Illi, meta nhares lura nghid li z-zwieg taghna ma kienx hlief zball u li kieku kelli aktar melh f'mohhi dak iz-zmien kont inkun kapaci nifhem li ahna ma konniex ppreparati ghaz-zwieg. Dak iz-zmien pero' ma ndunajniex ghax kellna wisq pressjoni u ridna nehilsu minnha. Barra minn hekk jien grali zball li jigri lill-hafna li hawwadt l-infatwazzjoni ma mhabba. Apparti dan kollu jien ma nafx jekk ir-relazzjoni taghna kienet relazzjoni bbazat fuq attrazzjoni fizika jew inkella glieda bejni u missier Michelle dwar min kien ser jerbaha;*

*Illi, l-gherusija taghna, jekk wiehed jista' jsejhilha hekk, damet bhala tul ta' zmien tlett snin, pero' kif gja spjegajt ahna lanqas kwazi konna niltaqghu;*

*Illi, illum nghid illi effettivament preparazzjoni serja u vera ghaz-zwieg it-tnejn li ahna ma kellniex. Michelle biss biss kienet ghada zghira u nissuspetta li ftit kienet ghadha tifhem ezatt xi jfisser iz-zwieg. Nghid illi t-tnejn li ahna konna immaturi u mhux ippreparati ghaz-zwieg. Il-preparamenti kollha ghat-tieg fil-fatt saru biss mill-aspett materjali;*

*Illi, illum Michelle ghandha boyfriend u jien ukoll ghandi tfajla ohra u nista' nghid illi issa naf x'jigifieri relazzjoni vera. Michelle qatt ma hadet inizzjattiva biex nitkellmu fuq iz-zwieg jew fuq kif ghandha tkun il-hajja mizzewga. Minn kif kienet tikellmet kienet tidher li ma kinitx taf x'jigifieri zwieg. Kullma kien jinteressaha hu li ma jkollhiex tfal halli zzomm il-figure u li tmur ghall-fitness;*

*Illi, hafna mill-glied li konna niggieldu kien ghaliex Michelle kienet wisq mohh ir-rih u minhabba l-flirting taghha ma' rgiel ohra;*

*Illi, dwar il-familja ta' Michelle nghid li m'humiex familja ta' ghaqda. Missierha xoghol u ommha dejjem rieqda u d-dar taghhom dejjem mahmuga u se ssiefer bl-imbarazz. Jiena naf illi ommha hija that kura ta' psikjatra u tiehu anke' pilloli. Dan il-fatt gie mohbi minni qabel iz-zwieg ghax Michelle kienet tghidli li ommha sejra ghand it-tabib minghajr ma tispecifika li t-tabib hu fil-fatt kien ikun psikjatra. La kienet tahbili dan il-fatt sinjal li kien hemm xi haga li ma ridetx turini. Anke' l-komportament ta' ommha mhux normali: torqod gurnata wara l-ohra, it-toilets tad-dar taghha 'mandra' u dejjem jieklu l-istess – ghagin biz-zalza tal-bott – jien kont vera niddejjaq meta kien ikolli niekol ghandha;*

*Illi l-karattru ta' Michelle huwa ta' persuna 'happy go lucky', friska bhall-hassa, rasha iebsa, ma tahsibx fil-futur, irresponsabbli, m'hiex fidila u thobb tifflirtja. Il-karattru tieghi huwa l-oppost: perfezjonist, nervus, fidil, illum naf li z-zwieg ifisser commitment u jien responsabbli. B'dawn iz-zewg karattri taghna tant differenti ma stajna qatt ahna verament nifformaw zwieg".*

Illi gew prezentati wkoll ix-xhieda ta' omm u missier l-attur **Josephine Davison** u **Publius Davison** permezz tal-procedura tal-affidavit li gie prezentat permezz ta' nota datata 2 ta' April 2003 u xhieda ta' oht l-attur **Claire Davison** permezz tal-procedura tal-affidavit, liema affidavit huwa datat 8 ta' April 2003.

Illi l-**konvenuta** fl-affidavit taghha pprezentat b'nota tal-4 ta' April 2003 tghid:-

*"Illi, nghid illi jiena u Kevin konna niltaqghu fi klikka ta' hbieb, pero' darba minnhom, wara li kont ilni nafu xi xahrejn, kien cempilli Pierre, habib ta' Kevin u kien qalli li Kevin xtaw johrog mieghi bis-serjeta' u li tant kemm kien imgennen ghalija li anke' xtaq jizzewwigni. Jien dak iz-zmien kont qed nohrog ma' iehor u kont ilni mieghu xi tlett*

*xhur. Kevin minn naha l-ohra kien jghidli, meta kont niltaqa' mieghu u gieli kien jcempli, illi kien iffassat fuq wahda pero' ma' kienx ried jghidli min kienet din il-persuna u kien jghidli illi ma' kienx jahseb illi kellu cans johrog maghha. Jien dak iz-zmien ma' kontx nissuspetta illi kien qed jghid ghalija. Meta Pierre qalli li Kevin xtaq johrog mieghi jien kont ghidtlu li ridt iz-zmien biex nahsibha ghaliex jiena kont qed nohrog ma' iehor. Dak iz-zmien jiena kont nahdem part-time bhala waitress f'restaurant gewwa Bugibba fil-waqt illi Kevin kien jahdem part-time fi grocery gewwa Bugibba stess u ghalhekk gieli konna ninzertaw lil xulxin fuq il-karozza tal-linja. Jien kont hassart ir-relazzjoni mal-guvni ta' qabel u bdejt nohrog ma' Kevin. Jiena dak iz-zmien kont ghadni kif ghalaqt is-sittax-il sena u kont ghadni l-iskola, in fatti kont qed naghmel l-ezamijiet tal-'O' Levels filwaqt illi Kevin kien sena ikbar minni u kien qieghed jahdem;*

*Illi, l-attur mill-bidu tar-relazzjoni taghna kien bniedem possessiv u ghajjur hafna ghalija u kull meta kien jarani inkellem jew insellem xi hbieb tieghi guvintur huwa kien jaghmel xenati ta' gelosija u mill-bidu nett tar-relazzjoni taghna kemm jiena u kif ukoll hu konna qtajna l-kuntatti mal-hbieb taghna, inkluz il-habiba tal-qalb tieghi wara illi din kienet talbitni niltaqa' maghha biex tmur tixtri l-Belt u jien kont ghidtilha illi kien jkun ahjar li ma' mmurx maghha ghaliex Kevin ma kienx jiehu pjacir b'dan. Il-habiba tieghi kienet espremiet il-biza' taghha illi dan kien qed izommi go habs. Kevin kien tant iddejjaq b'dan il-kumment, wara illi jiena kont ghidtlu b'dak kollu illi kienet qaltli, illi kien spicca jcemplilha d-dar jheddidha biex ma' tkellimiex aktar. Ghalhekk il-hbiberija taghna kienet waqfet matul l-eghrusija u z-zwieg tieghi mal-attur. Illum il-gurnata ergajna komplejna l-hbiberja taghna. Nghid ukoll illi jiena qabel ma' bdejt nohrog ma' Kevin kont inhobb immur id-diskoteka ghaliex kien joghgobni z-zfin pero' meta bdejt nohrog ma' Kevin wara xi tlett gimghat, huwa kien qalli ma riedx illi mmorru aktar lejn diskoteki u lejn Paceville meta ahna kien ghad kellna sittax-il sena biss;*

*Illi, nghid illi l-genituri ta' Kevin kienu dixxiplinati mieghu u jzommulu fil-hin, infatti meta kien jigi d-dar tieghi lejn l-*

*ahhar tal-eghrusija u missieri kien iwasslu lura d-dar fis-siegha ta' fil-ghodu, ghaliex ma' jkunx jista' jwasslu qabel minhabba ragunijiet ta' xoghol, ukoll Kevin kien jghid illi ommu kienet tgergerlu nonstante l-fatt illi konna nkunu d-dar tal-genituri tieghi. Nghid illi matul l-eghrusija ahna ma' kellniex karozza u ghalhekk qatt ma' stajna nidhlu aktar tard mill-11.30 p.m. u din is-sitwazzjoni kienet iddejjaqna hafna. Nghid illi qabel ma' beda johrog mieghi, Kevin kien qieghed igemma' sabiex jixtri karozza pero' meta bdejna nohorgu flimkien mill-ewwel bdejna relazzjoni serja u Kevin kien qalli illi ahjar nibdew ingemmghu l-flus biex nixtru post;*

*Illi, wara tlett xhur li bdejna nohrogu flimkien huwa kien beda jahdem full-time filwaqt illi jiena kont ridt nibqa' nistudja pero' Kevin kien qalli illi jekk ridna ingemmghu jiena kelli immur nahdem. Jiena xtaqt nidhol secretarial course jew higher secondary pero' huwa ma' kienx ried. Meta jiena kont ghidt lill-genituri tieghi dwar din id-decizjoni illi kelli niehu f'hajti, missieri kien ipprova jiftahli ghajnejja u qalli biex inkompli nistudja ghaliex kien ghadu kmieni wisq biex nibda nfaddal. Jiena kont ghidt lil Kevin illi missieri kien tani parir inkompli l-istudji tieghi u minn dakinhar 'l quddiem ir-relazzjoni ta' bejn Kevin u missieri bdiet tmur ghall-aghar ghax Kevin haseb illi missieri kien qed jindahal iz-zejjed f'hajti;*

*Illi, Kevin kien jghidli illi jekk jiena kont ser nibqa' nistudja konna ser indumu biex nizzewgu. Huwa kien jghidli wkoll illi ma' kienx jiehu pjacir kieku kont ser nidhol il-Higher Secondary minhabba illi kien hemm il-guvintur. Huwa kien jaqla' hafna argumenti biex jikkonvincini ma nkompliex l-istudji u fl-ahhar kont cedejt ghaliex ma' riedx aktar glied bejnietna u jiena xtaqt illi nibqa' nohrog mieghu. Missieri meta ra illi ma kontx ser nidhol il-Higher Secondary kien inkorraggini u hallasli kors privat ta' segretarja li dam madwar sitt gimghat sabiex almenu jkolli certifikat ta' segretarja;*

*Illi, jiena sussegwentement bdejt nahdem bhala insurance clerk pero' ma domtx aktar minn xahar ghaliex kont kostretta nitlaq mix-xoghol wara illi Kevin kien mar*

*jhedded lill-kollega tax-xoghol tieghi, li inzerta jafu ghaliex beda jghir ghalih ghax kien jkellimni waqt il-hin tax-xoghol. Jiena kelli nitlaq minn dan ix-xoghol ghaliex bdejt inhossni skomda fuq il-post tax-xoghol. Din il-persuna kienet ippruvat tiftahli ghajnejja dwar Kevin u cjoe' illi ma kienx sinjal tajjeb illi l-gharus tieghi kien jghir daqshekk ghaliha pero' jiena ma' tajtx kaz dak iz-zmien ghax hsibt illi l-agir ta' Kevin kien ta' persuna illi thobbni. Meta jiena kont imbaghad bdejt nahdem f'post iehor, cjoe' ma' kumpanija ta' awdituri, jiena nghalaqt fija nnifsi u lanqas kont nitkellem ma' hadd ghaliex kont nibza' illi kien ser jerga' jigri l-istess u kien jkolli nitlaq mix-xoghol minhabba Kevin. Nghid illi Kevin kien ipprova jbiddilli l-karattru ferriehi tieghi u peress illi jiena kont inhobbu u kont immatura jien kont naghmel minn kollox biex nikkuntentah u ma' narahx jirrabbja. Jiena kont spiccajt ma' nissocjalizza ma' hadd biex b'hekk Kevin zgur ma' kienx jahseb illi qed naghti xi kunfidenzi lil xi guvintur;*

*Illi huwa kien jghidli illi "hazin jkun ghalija" jekk isir jaf xi haga li ma nkunx ghidtlu qabel, kwalunkwe haga, u ghalhekk kont spiccjat nikteb in-noti sabiex zgur ma' ninsiex;*

*Illi, meta waqt l-eghrusija jiena kont insemmi t-tfal huwa kien jaghmel minn kollox sabiex jikkonvincini illi l-ahjar ghazla ghalina fiz-zwieg kienet illi ma' jkollniex tfal. Huwa kien isemmi diversi ragunijiet, fosthom:*

*"tkun thobb it-tfal aktar minni"; "issir hoxna u kerha"; "it-tfal ikissru d-dar kollha" u li "trid hafna spejjes biex trabbihom";*

*Illi tant kemm kien jinsisti illi m'ghandux jkollna t-tfal illi jiena kont spiccajt naqbel mieghu. Waqt iz-zwieg, Kevin qatt ma' wera x-xewqa li jkollna t-tfal, kien biss fl-ahhar sena, meta konna qeghdin nippruvaw nirrangaw iz-zwieg taghna illi semma li xtaq li jkollna t-tfal. Jiena ovvjament kont opponejt ghaliex ma' xtaqx illi jkollna t-tfal meta z-zwieg taghna kien qieghed jitfarrak. Jiena kont sorpriza hafna meta smajt lil Kevin jitkellem fuq tfal u meta*

*staqsejtu kif kien biddel fehmtu meta ahna konna ser nisseparaw huwa ma' taniex raguni l'ghaliex;*

*Illi, niftakar illi f'okkazzjoni minnhom, waqt l-eghrusija, il-genituri tieghi kienu semghuna nitkellmu fuq it-telefon, dwar il-kwistjoni tat-tfal u huma kienu kellmu lill-genituri ta' Kevin u kienu laqqghuna biex ikellmuna fuq din il-haga. Huma kienu inkwetati hafna ghalina pero' ahna ma' konniex ghiednilhom dwar din il-problema peress illi Kevin kien jinsisti fuqi illi dawn kienu affarijiet personali ta' bejnietna u ma' kellna nghidu lil hadd dwarhom lanqas lill-familjari taghna. Kevin kien jghidli illi "allahares tinqabad tqila minhabba l-ispejjez li ghandna ghax niggennen". Huwa kien jaghtini mpressjoni illi ma' kienx kapaci ghat-tfal u ghalhekk kont nibza' anke' jiena illi ninqabad tqila. Jiena kelli pressjoni psikologiku kontinwa da parti tal-konvenut minhabba li ma' ried bl-ebda mod li jkollna t-tfal fiz-zwieg. Waqt l-eghrusija jiena kont irrassenjajt ruhi illi jekk ridt nghix hajti ma' Kevin b'mod trankwil kelli ninsa' li jkollna t-tfal fiz-zwieg u dan minhabba li kont naf illi kellu karattru difficili hafna li kien jikkondizzjonali hajti. Kevin kien bniedem illi jrid hafna attenzjoni, kien perfezzjonist kemm fil-manjieri u kif ukoll materjalment u kien iridni ghalih biss;*

*Illi, Kevin ma' kienx ser jaccetta illi jiena naghti aktar importanza jew l-istess importanza li naghti lilu lit-tfal u dan kien ammettieh hu stess waqt l-eghrusija. Jiena kont inhobbu u sfortz l-immaturita' tieghi ma ridtx nitilfu ghalkemm kien qed jurini bic-car illi tfal fiz-zwieg ma' riedx. Nghid illi jien it-tfal inhobbhom hafna u in fatti jiena wkoll ghalliema tal-ghawn tat-tfal. Kull meta konna nohorgu jiena kont niehu pjacir nilghab mat-tfal imqarrbin u konna nispiccaw nitilqu minn fejn inkunu;*

*Illi jiena ma' kont niftah qalbi ma' hadd u meta Kevin kien ikun xoghol, jien kont nispicca ninghalaq gol-kamra tieghi ghaliex lanqas ma' stajt nissocjalizza mal-familjari tieghi, inkluz il-genituri tieghi ghaliex ghal Kevin dan kien ifisser illi kont indur kontrih. Il-genituri tieghi kienu jinkwetaw hafna ghalija u infatti kienu anke qabbduli social worker u kienu gabuh id-dar minghajr ma' qaluli pero' jien irrifjutajt*

*illi ninzel inkellmu ghaliex kont qed nibza' illi meta Kevin isir jaf kien jaghmel xi xenata u kien jitlaqni. Kull meta jien kont nghidlu illi l-ġenituri tieghi kienu qieghdin jinkwetaw minhabba r-relazzjoni taghna huwa kien jibda jirrabbja u jsabbat u jkisser u kont ghalhekk nitwerwer. Huwa kien gaghalni nahseb illi l-familjari tieghi kienu sejrin idawruni kontrih u kont nispicca nitilqu ghaliex ovvjament kien jaf illi kien qed jagixxi hazin mieghi;*

*Illi, waqt l-eghrusija ahna konna nghidu illi nixtiequ illi nibdew nghixu flimkien meta jien kont ser naghlaq it-tmintax-il sena, pero' konna nafu illi l-ġenituri taghna ma' kienux sejrin jaccettaw dan il-fatt u biex nevitaw aktar inkwiet konna ddecidejna illi nizzewgu u konna ridna naghmlu tieg zghir fejn ma konniex sejrin nonfqu hafna spejjez. Pero' missieri ried illi jhallasli tieg tajjeb kif jaghmel kulhadd. Ghalhekk spiccajna ghamilna tieg normali. Minhabba dan kellna nistennew sena ohra u ghalhekk izzewwigna meta jien kelli dsatax-il sena. Dak iz-zmien illi ahna ddecidejna illi nizzewgu konna ghadna kemm dhalna f'konvenju pero' meta zzewwigna l-post ma kienx ghadu lest bin-necessitajiet kollha u konna morna nghixu ghal erba' xhur f'dar tan-nanna tieghu;*

*Illi f'din is-sena illi ahna konna ddecidejna illi nizzewgu u missieri kien ippropona illi jhallsilna t-tieg, Kevin kien beda qisu jibda jaccetta l-ġenituri tieghi u beda jigi d-dar taghna kwazi kuljum, fejn qabel ma' kienx jersaq 'l hemmhekk. F'dan iz-zmien missieri kien jispicca jwasslu lura d-dar kull fil-ghaxija ghaliex dak iz-zmien Kevin ma' kellux karozza. Il-ġenituri tieghi ma' kienux baqghu jipprovaw jifthuli ghajnejja dwar Kevin ghax ma' riedux illi jiena nwegga' u nallontanta ruhi minnhom. Il-preparamenti taz-zwieg saru kollha flimkien ghaliex ma kienx jafda fija minhabba li kien bniedem perfezzjonist;*

*Illi meta llum inhares lura nirrealizza illi Kevin kien ossessjonat fija u kien jipprova jnaqqas l-insikurezza tieghu billi jkun dominanti fuqi. Dan l-agir ta' Kevin kien mar ghall-ahjar waqt iz-zwieg ghaliex issa jiena kont sirt "tieghu". Huwa kien jidher aktar rilassat waqt iz-zwieg fil-konfront tieghi pero' jiena bqajt fl-istess hajja, konna*

*0mmorru naraw il-genituri flimkien ghax ma kienx ihallini mmur wahdi u konna ndumu ghandhom sakemm irid hu, generalment ma' konniex indumu aktar minn siegha. Huwa kien waqt iz-zwieg il-hin kollu bit-tensjoni minhabba l-flus ghax dejjem kien jghid illi jrid jaqta' d-dejn u jwarrab xi haga biex nimlew id-dar. Meta kont nipprova niddiskuti mieghu huwa kien jghidli illi jiena ma nifhemx u li kollox ghandu jsir kif jghid hu. Huwa kien jispicca jghajjat mieghi u jaghmel ix-xenati u jiena kont nispicca naghlaq halqi ghaliex kont nibza' minnu;*

*Illi l-paga tieghi kienet tigi kkontrollata totalment minnu u kien jamministra kollox hu minghajr ma' jikkonsulta mieghi ghaliex ma' kien jafda lil hadd, lanqas lili. Huwa kien itini pocket money ossija Lm 5.00 fil-hmistax, li bihom kont irrid inhallas tal-linja, il-lunch tax-xoghol, li generalment kont nispicca nippreparah mid-dar biex niffranka l-flus u xi affarijiet personali tieghi. Jekk kienu jispiccawli ma' stajtx nitolbu aktar flus ghaliex kien jghidli li dak kien il-budget taghna. Nghid illi pero' wara xi sena ta' zwieg meta kienet insterqitilna l-karozza tal-marka mini minor, huwa ried jixtri karozza gdida ghall-prezz ta' Lm 8,000 nonstante l-fatt li jien opponejt minhabba l-problemi finanzjara taghna. Jiena kont issuggerejt illi nixtru karozza second hand pero' huwa insista illi jkollna wahda gdida u ghamilna sentejn minghajr karozza sabiex ingemmghu ghad-depozitu ta' Lm 2,500. Dan il-fatt kompla jaghmel tensjoni kbira fuqna ghaliex ma' konniex ippreparati finanzjarjament ghalih u konna spiccajna la nohorgu, la morna week-end breaks Ghawdex u wisq anqas siefirna;*

*Illi, ghalhekk ukoll kibret aktar tensjoni fir-relazzjoni intima ta' bejnietna ghaliex kien jiffissa illi ser ninqabad tqila meta ahna kellna d-djun tad-dar u tal-karozza u li ridna nimlew id-dar. Ahna konna nuzaw il-kontracettivi mill-bidu sal-ahhar taz-zwieg u qatt ma' kellna relazzjoni intima sesswali normali. Kien qed ikollna glied bejnietna minhabba din it-tensjoni illi kien ikkrea zewgi u waqt argument kien jispicca jkun vjolenti fil-konfront tieghi. Kien spicca jkisser jew jwaddabbli xi haga fid-direzzjoni tieghi jiew jhezzizni. B'dan l'atteggjament, Kevin kien qieghed aktar jikkonvincini kemm ma kienx kapaci*

*jikkontrolla lilu nnifsu waqt mumenti ta' pressjoni anzi kien jispicca jaggrava s-sitwazzjoni;*

*Illi nghid illi meta Kevin fl-affidavit tieghu qed jallega illi jiena kont naghti kunfidenzi zejda lill-irgiel, nghid illi dan certament ma' jaghmilx sens meta missieru kien ghadu jahdem id-De La Rue. Nghid illi kwalunkwe lifts li jien hadt minn manager illi qed isemmi Kevin, li kellu certament aktar minn hamsin sena, nghid illi dan flimkien ma' martu kienu hbieb taghna, ghaliex qabel kien il-manager ta' Kevin stess, u spiss konna nkunu mistednin ghandhom u sahansitra Kevin kien anke' ghamillu s-souvenirs ghat-tieg tat-tifla tieghu li ovvjament ahna konna mistednin ghalih. Nghid illi kull meta hadt lift mieghu jiena kont nghidlu mill-ewwel lil Kevin u qatt ma' oggezzjona dwar dan. Ghalhekk mhuwiex minnu illi "sar jaf minghand in-nies" hekk kif qed jallega;*

*Illi, meta Kevin kien spicca redundant, u cjoe' wara sentejn ta' zwieg, huwa beda jaghmel hafna paniku ghax haseb li ma' kienx ser isib xoghol u kien issuggerixxa illi nemigraw xi mkien, huwa beda jfittex xoghol kullimkien, fosthom l-Ingilterra, l-Amerika u l-Kanada. Ahna applikajna wkoll ghall-green car Amerikana u jiena accettajt. Ghalhekk nichad illi huwa kien qalli ili jrid it-tfal hekk kif qed jallega fl-affidavit tieghu ghaliex certament ma' konniex f'kundizzjoni illi ngibu t-tfal fid-dinja f'dak il-mument;*

*Illi, wara ftit xhur huwa sab xoghol bhala graphic designer hawn Malta u beda jaghmel sieghat twal wara l-hin tax-xoghol u kien jispicca d-dar tard bil-lejl, gieli anke' dam sas-siegha ta' fil-ghodu. Jiena kont noqghod id-dar u ma' kontx nissocjalizza ma' hadd, ghaliex ma' kienx jiehu gost illi mmur ghand il-familjari tieghi. Allura peress illi kont inqatta' hafna hin wahdi kont nara kif naghmel biex nghaddi l-hin u nipprova ninsa l-problemi ta' bejnietna. In fatti jiena kont bdejt nistudja u ghamilt ezami tal-'O' Level u 'A' Level, ghamilt kors ta' Coach tal-ghawm, kors ta' aqua aerobic instructor u kont anke' bdejt nahdem part-time mhux aktar minn erba' darbiet fil-ghaxija biex ikolli aktar pocket money go restaurant Ciniz taz-zewgt ihbieb*

*taghna u Kevin kien jigi ghalija x'hin nispicca xoghol. Nispjega' illi jiena dana kont naghmlu waqt li Kevin kien ikun xoghol. Dwar il-photosession illi Kevin qed jirreferi ghaliha illi jiena kont ghamilt, jien fl-ebda hin ma' kont bla hwejjeg kif qed jipprova jinsinwa Kevin u din is-session kienet saret fil-prezenza ta' Kevin tant hu hekk illi kien hadli xi ritratti hu wkoll bil-kamera tieghu. Jiena nispjega illi ma' kontx hallast flus ghal din is-session ghax kienet prova ghal photomodelling u jien kont hadtha bhala esperjenza infatti ma kinitx tkompliet din il-haga. Izda fl-ebda mument Kevin ma' kien oggezzjona ghal dan;*

*Illi jiena ma' kont bl-ebda mod nghir ghalih ghax kien jahdem f'ufficcju kif qed jallega hu anzi ghall-kuntrarju kont hadt pjacir ghax b'hekk jien issa stajt nahdem ukoll f'ufficcju. Ir-ragunament tieghu minn dejjem kien illi jiena ma' stajtx nahdem f'ufficcju b'irgiel mieghi fil-fatt jiena kif diga' spjegajt kont kostretta nitlaq mix-xogholijiet precendenti tieghi minhabba l-possessivita' tieghu. Pero' issa ladarba kien qieghed jahdem f'ufficcju hu stess ma' kollegi nisa jien deherli illi kelli kull dritt illi nahdem f'ufficcju (li kien ikun xoghol ahjar milli go fabbrika) ikun xi jkun is-sess tal-kollegi ta' madwari. Jiena kont imdejqa nahdem id-De La Rue u kont xtaqt immur nahdem f'ufficcju w in fatti mbaghad kont sibt xoghol il-Management Efficiency Unit bhala segretarja u kont kuntenta nahdem hemm;*

*Illi jiena ma' kont fl-ebda mument naghti kunfidenzi lil irgiel fuq il-post tax-xoghol hekk kif qed jallega l-attur u jiena kont habrika f'xogholi tant hu hekk illi lanqas break ma' kont niehu minhabba x-xoghol kbir li kien hemm. Meta gieli kont immur fl-ufficcju ta' Kevin ghax kien jahdem il-Belt stess u meta kont nghidlu biex nohorgu break flimkien kien igib l-iskuzi li kellu hafna xoghol x'jaghmel;*

*Illi, f'Novembru 1999, jien kont ghidt lil Kevin illi kont xbajt bil-hajja li konna qeghdin nghixu, u cjoe' hajja diversa u qatt ma konna qeghdin niltaqghu anke meta jiena ma' kontx qed nahdem il-part-time ghax xorta kien jibqa' jahdem sa tard bil-lejl. Huwa ra kif ser jirranga z-zwieg taghna u qalli illi kien ser jara x'jaghmel biex jirranga l-*

*hinijiet tax-xoghol u gie ssuggerilu habib tieghu illi nsiefru ghal btala. Jien kont tajtu cans iehor u konna sifirna ghall-ewwel darba gewwa l-Ingilterra u weghdni illi konna ser nibdew nohorgu kull week-end flimkien u li konna ser inqattghu aktar hin flimkien. Hawnhekk kienet l-ewwel darba illi Kevin semma' illi xtaq illi jkollna t-tfal fiz-zwieg taghna, pero' jien ghidtlu illi certament ma' kienx jaghmel sens illi ngibu t-tfal fid-dinja meta z-zwieg taghna kien qed jitfarrak. Ghaddew xi xhur pero' l-hajja ta' bejnietna baqghet l-istess ghaliex dak kollu li kien wieghed ma wettqux;*

*Illi jiena ghalhekk kont ghidtlu illi kien ahjar ghalina illi ninfirdu pero' ma stajniex ninfirdu legalment dak iz-zmien peress illi konna qeghdin nistennew il-green card tieghi biex inkunu nistghu mmorru l-Amerika u mbaghad konna ftehmna li nibdew bil-proceduri meta nkunu l-Amerika. Ghal habta ta' Mejju 2000, l-applikazzjoni tieghi ghall-green card tal-Amerika telghet bil-polza filwaqt illi dik ta' Kevin ma kinetx telghet. Nonostante il-fatt illi kellna l-problemi bejnietna u konna semmejna separazzjoni, Kevin baqa' jinsisti illi ladarba mmorru nghixu l-Amerika z-zwieg taghna seta' jigi salvat. L-uniku mod kif Kevin seta' jmur l-Amerika kien bil-green card tieghi u cjoe' illi jiena nitlaq mieghu u ghalhekk ghamiltlu pjacir u accettajt illi mmur mieghu. Ftehmna li ma' nghidu xejn lill-genituri taghna bil-problemi ta' bejnietna biex b'hekk ma' ninkwetawhomx. F'dan il-perjodu illi ahna konna qeghdin niddiskutu x'naghmlu biz-zwieg taghna huwa kien ammetta mieghi illi kellu relazzjoni ma' kollega tieghu tax-xoghol u minn hemmhekk indunjat illi vera kien spicca kollox bejnietna u li zewgi ma' kienx ta' min jafdah filwaqt illi lili dejjem ghamili hajti infern bil-possessivita' u ghira tieghu. Jien hemmhekk ikkonfermajt illi Kevin seta' jaghmel li jrid b'hajtu u haseb illi seta' jiddominani u ma' ridtx inkompli b' dik il-hajja;*

*Illi ahna bieghejna d-dar matrimonjali flimkien mal-ghamara u l-karozza u qsamna l-flus bejnietna qabel ma' tlajna l-Amerika. Jiena xtaqt illi qabel ma' mmorru l-Amerika, immorru holiday l-Italja ghaliex minn dejjem xtaqt inzurha u ghidtlu biex immorru flimkien biex il-*

*ġenituri tagħna ma' jissuspettawx ħażin pero' hu ma riedx jonfoq spejjez oħra qabel ma' jmur l-Amerika. Jien xorta waħda insistejt li mmur u peress illi ma' kellhiex ħbieb kelli mmur waħdi għal btala ta' ġimgħa u dan għaliex jiena kont konvinta illi ladarba kont ser immur nghix l-Amerika kienet ser tkun diffiċili aktar biex inżur l-Italja. Jiena tant kemm għoġbitni l-Italja illi kont erġajt tlajt xahar qabel ma' emigrajna biex infittex xogħol biex wara illi nitlgħu għall-green card l-Amerika sabiex Kevin jkun jista' jgħix hemmhekk jien kont ninżel nghix l-Italja. F'Novembru 2000, aħna kellna niżgombraw mid-dar u Kevin ried illi mmorru nghixu għand il-ġenituri tiegħu pero' jiena ma' aċċettajtx għax ridt illi jiena nghix għal ftit mal-ġenituri tiegħi qabel ma' nemigra l-Amerika;*

*Illi meta aħna tlajna l-Amerika irċievejt telefonata mill-Italja dwar xogħol u jiena wara ġimgħatejn illi konna ilna hemmhekk mort naħdem l-Italja. Meta Kevin irritorna lura Malta fl-aħħar ta' Jannar 2001 infurmani bid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u jiena nżilt Malta biex niffirmawh".*

Illi ġew prezentatati wkoll ix-xhieda ta' omm u missier l-konvenuta **Ralph u Jane Dougall** permezz tal-proċedura tal-affidavit liema affidavit huwa datat 4 ta' April 2003.

**i)** **<u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-azzjoni attriċi qed issir abbażi tal-**artikolu 19 (1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jipprovdi li hemm kaz ta' annullament taz-zwieġ:-

*"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew bil-biża"*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deċiża fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deċiża fid-9 ta' Marzu, 2000) diġa kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu

ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja u gie affermat li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti".*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha".*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** ( P.A. - 22 ta' Novembru,1982, ) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita'. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar*

*jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi l-attur qed jibbaza wkoll l-azzjoni tieghu huwa fejn qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga skond l-**artikolu 19 (1) (c).**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-

kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra ("**Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et**" (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens"*.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April

2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *“eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*’finis operis’* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine”.*** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x’inhu zwieg jew inkella xort’ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta’ simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **“Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta’ Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata”.* Illi fis-sentenza **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A.14 ta’ Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem:-

*“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu”.*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **“Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et”,** (K. 1 ta’ Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe’ fictio seu ostensio falsi pro vero”.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u

r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja".*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"**. pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci*

*li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich*****:-**

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*

(**Viladrich, P.J.,** ***"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibbilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun*

*taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gja' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja' nghad fis-sentenza **"Rodianne Graham vs Maria Concetta Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2002), b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-*gurisprudenza "non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* **(Pompedda, M.F., *"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"*** –

**Pompedda – Zagglia, *"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"*** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li*, "fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (*ara, **"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Galea vs Dr. Claudine Galea et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003, kif jispjega **Bersini**, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* **(Bersini, F., *"Il Diritto Canonico Matrimoniale."*** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad*

*esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (*ibid. *pp. 97-98).*

Illi hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza, li kif johrog car mis-sentenza **"Ramzi Saad Gergis vs Nicholina Gergis"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2003, li ghaliha qed issir referenza, l-ghazla libera, u l-kunsens hieles ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento*

*idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (**Pompedda, M.F., "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid **Bersini**, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit., p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the*

*contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (**Viladrich, P.J**., *op. cit., p. 687).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed “sui generis” u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu”.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi kif gja' gie ndikat f'din is-sentenza l-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta` gudizzju fuq il-hajja mizzewga gie mfisser f'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom fis-sentenzi **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** tal-14 t'Awissu 1995 u kif ukoll fis-sentenza **"Sandro Sciberras vs Janette Briffa gia' Sciberras"** tas-16 ta' Jannar 1998 (P.A. VDG). F'din l-ahhar sentenza jinghad:-

*"It seems that discretion of judgement can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either contracting party is deprived from internal freedom that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi fis-sentenzi **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 u **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** (Prim' Awla Qorti Civili) deciza fl-20 ta' Mejju 1996, jinghad in effetti illi sabiex ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-

inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jidher li car li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat skond id-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dan peress li ssimulaw il-kunsens taghhom ghaliex jidher car mill-provi prodotti li huma ghamlu patt bejniethom fis-sens li huma ftehmu li ma jkollhomx tfal matul l-istess konvivenza taghhom flimkien. Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li hija inutili ghal kull parti li tipprova twahhal fil-parti l-ohra ghal minn origina b'din l-ideja u min minnhom impona din il-kondizzjoni ghaliex jibqa' l-fatt li z-zewg partijiet accettaw tali kondizzjoni qabel ma zzewgu u minn imkien ma jirrizulta li xi parti oggezzjonat ghall-istess; anzi din il-Qorti hija konvinta, anke' meta rat ix-xhieda kollha estensiva tal-partijiet li z-zewg kontendenti pozittivament eskludew bejniethom li jkollhom tfal matul l-istess zwieg, tant li ghalkemm jidher li waqt iz-zwieg l-attur kellu xi forma ta' ripensament zghir, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li fil-mument taz-zwieg l-istess attur eskluda *a priori* l-prokreazzjoni ta' l-ulied mir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, fatt li annulla l-istess zwieg mill-bidu, u allura llum dan ma jistax jigi rrangat. Ghalhekk hemm bazi ta' annullament anke' fl-isfond ta' dak provdut fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi apparti min dan kollu jidher li l-partijiet kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni serja fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha, u fuq kollox kien nieqes ghal kollox r-rispett lejn xulxin, fejn tul il-konvivenza taghhom flimkien, u iktar importanti ghal din il-kawza, qabel iz-zwieg, kienu gja qed ifittxu l-interessi egoistici taghhom bla ebda riferiment ghall-hajja komunali ta' bejniethom, b'dan li jidher car li fis-sitwazzjoni li kienu l-istess partijiet la kienu jifhmu u lanqas setghu jifhmu l-kuncetti bazici ta' l-istitut taz-zwieg, l-elementi essenzjali tal-istess u d-dmirijiet u drittijiet naxxenti mill-istess, li l-eskluzzjoni pozittiva ta'

prokreazzjoni ta' ulied, element essenzjali taz-zwieg, kompliet tindika bl-iktar mod car. Illi hawn din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda estensiva tal-partijiet fuq il-mod kif kienu jirragunaw bejniethom, fejn jidher li hadu konsiderazzjoni biss ta' dak li kien jaffetwa lil kull wiehed u wahda minnhom, u kull parti kienet taghmel dak li jaqblilha, bla ebda riferiment ghal dak li thoss il-parti l-ohra, u fejn kien hemm riferiment dan kien mill-inqas. Dan wassal sabiex il-partijiet iktar inqatghu minn xulxin f'kollox, u ghalhekk din il-Qorti thoss li hemm bazi ta' annullament anke' skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** skond il-principji fuq dettaljatament annuncjati u kkonfermati diversi drabi mill-gurisprudenza nostrali.

Illi dwar is-**subartikoli (a) u (c) tal-artikolu 19 tal-Kap 255** ma jidhirx li dawn il-premessi huma sorretti mill-provi u ghalhekk it-talba attrici abbazi tal-istess qed tigi michuda, ghalkemm din hija *ormai* kwistjoni purament akkademika.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta anke' *tramite* l-eccezzjonijiet taghha tal-1 ta' Novembru 2002, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li miz-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Jannar 1995 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------